

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1678

tas-26 ta' Settembru 2022

li taħtar żewġ membri, proposti mir-Repubblika tas-Slovenja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Sloven,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoral i ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ⁽²⁾, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Uroš BREŽAN u s-Sur Aleksander JEVŠEK saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Sloven ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettoral i ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Tine RADINJA, *župan Škofje Loke* (Sindku ta' Škofja Loka), u s-Sur Tomaž ROŽEN, *župan Raven na Koroškem* (Sindku ta' Ravne na Koroškem),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettoral i huma b'dan maħtura bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

- Is-Sur Tine RADINJA, *župan Škofje Loke* (Sindku ta' Škofja Loka),
- Is-Sur Tomaž ROŽEN, *župan Raven na Koroškem* (Sindku ta' Ravne na Koroškem).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. NEKULA
